MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 43/2018

It-Tlieta 6 ta' Novembru 2018

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI:
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

## Minuti

Iċ-*Chairperson* ippresjediet il-laqgħa.

### 43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

43.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li s-Sindku s-Sur Nicky Saliba kien skużat. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

43.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 42/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

43.2.2 Iċ-*Chairperson* talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

43.2.3 Iċ-*Chairperson* talbet għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 43.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

43.3.1 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li tinsab imħassba dwar l-iskeda l-ġdida tal-ġbir tal-iskart peress li se jkun hemm ħafna ma jimxux mal-iskeda speċjalment il-barranin. Hi qalet li qabel il-borża tal-iskart imħallat kienet tinġabar sitt ijiem fil-ġimgħa filwaqt li issa ser tinġabar tlett ijiem fil-ġimgħa biss. Hi qalet ukoll li l-Kumitat kellu jimxi mad-direzzjonijiet mogħtija lilna mill-awtoritajiet.

43.3.2 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri dwar il-problema tal-ġbir tal-iskart mir-ristoranti ta' Marsalforn. Hi għamlet suġġeriment u qalet li għandna nibagħtuh lill-MTA sabiex meta s-sidien tar-ristoranti jmorru jġeddu l-liċenzja tagħhom kull sena, tiddaħħal miżata li titħallas mal-liċenzja u din tmur għall-ġbir tal-iskart. B'hekk ir-ristoranti kollha jkollhom serħan il-moħħ li l-iskart qed jinġabar kuljum minn ħdejn ir-ristorant tagħhom. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li jintbagħat dan is-suġġeriment lill-MTA.

KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

43.3.3 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li minħabba periklu għas-sewwieqa hemm bżonn isir *patching* fi Triq il-Qbajjar, Triq Manwel Magro u Triq Santa Marija. Kien hemm qbil dwar dan.

43.3.4 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri preżenti li minħabba l-urġenza tal-każ biex titbaxxa bankina fi Triq il-Qbajjar u peress li l-kuntrattur tal-bankini ma jistax jaqdina malajr, minħabba xogħol ieħor li qed isir fiż-Żebbuġ jeħtieg jitqabbad kuntrattur ieħor u wara li nġabret stima għal dik il-bankina x-xogħol ser jiswa €300. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

43.3.5 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri preżenti li għad baqa' biċċa mis-siġra ta' quddiem il-knisja li biex tinqala' hemm bżonn li ssir permezz ta' gaffa. Inġabret stima mingħand Richard Axiak u dan ix-xogħol ser jiswa €100. Kien hemm qbil dwar dan iżda l-membri saħqu li jekk tkun se ssir xi ħsara lit-triq jew lit-taraġ tal-Knisja dan ix-xogħol għandu jieqaf immedjatament.

## 43.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

43.4.1 Is-Sur Frank Fenech staqsa dwar il-progress biex isiru żewġ bozoz ġodda, waħda fi Triq it-Torn u oħra fi Triq Ulisse. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan ix-xogħol miexi u qed nistennew in-*no objection* mill-Enemalta.

43.4.2 Is-Sur Frank Fenech staqsa wkoll dwar il-proċess biex jinżebgħu l-kaxxi l-bojod tal-parkeġġ fi Triq Ulisse. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill talab lill-perit jagħmel pjanta biex tintbagħat Transport Malta.

43.4.3 Is-Sinjura Sandra Grech ressqet suġġeriment li twassal lilha mis-Supretendent Curmi sabiex isir *single yellow line* fi Triq il-Qbajjar minn quddiem *Lighthouse Supermarket* 'il fuq sakemm jispiċċa l-bini. Kien hemm qbil unanimu dwar dan mill-membri preżenti.

43.4.4 Is-Sinjura Sandra Grech talbet sabiex jintbagħat *reminder* lill-inġinier tal-WSC dwar il-problema tal-ilma li qed joħroġ minn *drain* ta' garaxx fi Triq il-Qbajjar. Kien hemm qbil dwar dan ukoll.

KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

## 43.5 Milied 2018

43.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kumitat dwar id-deċiżjonijiet li ttieħdu fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill fejn kien hemm qbil mill-Kunsilliera li din is-sena inaqsu drastikamenti l-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet tal-Milied minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja li l-Kunsill jinsab fiha fosthom fit-tiżjin tat-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lill-membri li l-Kunsilliera ddeċidew li l-ikla tal-Milied li kienet titħallas mill-Kunsill lill-Kunsilliera mhux ser issir għall-istess raġuni.

43.5.2 Iċ-*Chairperson* wieġbet li tajjeb li jitnaqsu l-ispejjeż fit-tiżjin iżda hi qalet li l-festin tat-tfal tal-lokalita' għandu jsir xorta peress li dik tkun l-unika okkażżjoni li t-tfal residenti ta' Marsalforn jiltaqgħu flimkien. Hi qalet li l-Kumitat ma jorganizzax ħarġiet kulturali u lanqas attivitajiet għat-tfal ħlief dan il-festin. Hi qalet ukoll li l-ikla lill-membri tal-Kumitat għandha ssir bħala kumpens mistħoqq għax-xogħol li jwettqu bla ħlas.

43.5.3 Wara diskussjoni dwar dan ġie deċiż mill-membri preżenti li għall-festi tal-Milied isir tiżjin b'lanqas spejjeż possibli fosthom li terġa tintrema' l-grotta f'post prominenti, isir il-festin għat-tfal kif ukoll l-ikla lill-membri ssir wara l-festi fix-xahar ta' Jannar.

## 43.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa;

43.6.1 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta biex isiru tabelli ma' ġenb *un/loading bays* fi Triq il-Wied jindikaw il-ħinijiet ta' x'ħin ma jistax isir parkeġġ mir-residenti ġo fihom biex ikun jista jservi ta' parkeġġ għal kulħadd wara dan il-ħin. Il-membri preżenti qablu li dawk il-ħwienet (u spiżerija) jiftħu l-ġurnata kollha sa tard bil-lejl għalhekk għandhom jibqgħu jservu bħala *un/loading* il-ħin kollu.

43.6.2 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mingħand TriGozo, li huwa club Għawdxi fejn jipprattikaw l-għawm, il-ġiri u ċ-ċikliżmu. TriGozo jixtiequ jorganizzaw avveniment fl-1 ta' Mejju 2019 f'Marsalforn u jridu jagħlqu xi toroq fosthom Triq ir-Rabat. Il-Kumitat qabel li ma jsibx oġġezzjoni li joħroġ il-permess meħtieġ iżda l-club irid jaħseb hu għall-immaniġjar tat-traffiku permezz ta' Pulizija, Gwardjani Lokali jew uffiċċjali ta'



KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

Transport Malta.

43.6.3 Il-Kumitat irċieva korrispondenza mingħand Oasi Foundation biex jorganizzaw car boot sales fil-ġranet: 3 & 17 ta' Marzu 2019, 7 t'April 2019, 5 ta' Mejju 2019 u fit-2 ta' Ġunju 2019. Il-membri tal-Kumitat ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

43.6.4 Ilment KAM 59/2018 – A. Sammut
Jitlob biex isiru *double yellow lines* ta' metru mal-ġnub tad-daħla għall-garaxxijiet fi Triq tan-Naħla. Kien hemm qbil dwar dan.

43.6.5 Ilment KAM 60/2018 – G. Cefai
Titlob biex isiru *double yellow lines* ta' metru mal-ġnub tal-garaxx fi Triq Barda. Kien hemm qbil dwar dan.

43.6.6 Ilment KAM 61/2018 – M. Muscat
Titlob biex titranġa l-bankina fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn quddiem id-dar numru 40 għax qed jidħlilha l-ilma ġod-dar tagħha. Kien hemm qbil dwar dan.

43.6.7 Ilment KAM 62/2018 – J. Mercieca
Jitlob sabiex titranġa l-bankina fi Triq tan-Naħla, Marsalforn għax imkissra. Kien hemm qbil dwar dan.

43.6.8 Ilment KAM 63/2018 – R. Vella
Titlob sabiex jinżebgħu *double yellow lines* fi Triq il-Qbajjar in-naħa tas-supermarkets. Kien hemm qbil mill-membri aktar qabel waqt il-laqgħa li jsir *single yellow line*. Is-Sinjura Vella fl-istess ilment talbet ukoll sabiex Triq il-Qbajjar issir *one way* is-sena kollha. Dwar dan ma kienx hemm qbil.

43.6.9 Ilment KAM 64/2018 – A. Mizzi
Jitlob kumpens għall-ħsara li ġarrab fil-karozza minħabba ħofra fi Triq il-Qbajjar. Il-Kumitat ra d-dokumenti kollha li ġab ir-resident u wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil mill-membri preżenti li jingħata l-kumpens la darba huwa ppreżenta d-dokumenti neċessarji skont il-proċeduri tal-Bord tal-Governanza Lokali.

43.6.10 Ilment KAM 65/2018 – M. Sultana
Jitlob sabiex isiru *double yellow lines* minn Latern Guesthouse 'l isfel

KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

lejn Marsalforn Hotel peress li qed ikun hemm ħafna muturi u trakkijiet ipparkjati. Hu ssuġġerixxa sabiex dawn il-muturi jipparkjawhom fis-*side street* f'kaxxa riżervata għalihom biex ma jkunx hemm aktar periklu fit-triq il-prinċipali. Fl-istess ilment is-Sur Sultana ilmenta wkoll biex isiru *double yellow lines* mal-ġenb tal-bankina tal-*bridge* ta' faċċata tal-Mellows bar. Kien hemm qbil mill-membri preżenti għal dawn is-suġġerimenti. Il-membru Sandra Grech ma kinitx preżenti waqt li tressaq dan l-ilment.

## 43.6 Mozzjonijiet;

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 43.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-7.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 11 ta' Diċembru 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 11 ta' Diċembru 2018.

| | |
|---|---|
| ***Iffirmati*** | ***Iffirmati*** |
| Marija Saliba | Ryan Debrincat |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |

KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN